

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Diċembru 2012

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar kooperazzjoni foqhma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) tal-Ftehim taż-ŻEE

(2012/747/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ⁽²⁾ ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Protokoll 31 tiegħu.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi dwar il-kooperazzjoni foqhma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) ⁽³⁾ ġie inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2012 ⁽⁴⁾.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2012 ipprovdiet għas-sospensjoni tal-applikabbiltà tar-Regola-

ment (UE) Nru 911/2010 għall-Islanda, sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

- (6) Huwa xieraq li tintemm is-sospensjoni tal-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru 911/2010 għall-Islanda mill-1 ta' Jannar 2013.
- (7) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

N. SYLKIOTIS

⁽¹⁾ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁽³⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 309, 8.11.2012, p. 21.

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2012

ta' ...

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni foqasma speċifiki li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98,

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) ⁽¹⁾ ġie inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 139/2012 ⁽²⁾.
- (2) Is-sospensjoni tal-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru 911/2010 għall-Islanda għandha tintemm.
- (3) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din it-terminazzjoni tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2013,

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi ...,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Fil-paragrafu 8c tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, l-adattament (e) għandu jitħassar.

Il-President

Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

⁽¹⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 309, 8.11.2012, p. 21.

(*) [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]